C/2025/3994

20.8.2025

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Lulju 2025

dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-Awstrija

(C/2025/3994)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024, jispeċifika l-objettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u tkabbir sostenibbli u inklużiv u r-reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, u li jiġu evitati defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-TFUE. Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Ir-Regolament jippromwovi wkoll is-sjieda nazzjonali tal-politika fiskali u jenfasizza l-fokus tiegħu fuq it-terminu medju, flimkien ma' infurzar aktar effettiv u aktar koerenti. Kull Stat Membru jrid jippreżenta lill-Kunsill u lill-Kummissjoni pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju li jkun fih l-impenji fiskali, ta' riforma u ta' investiment tiegħu, fuq perjodu ta' 4 jew 5 snin, skont it-tul tal-mandat leġiżlattiv nazzjonali. Il-perkors tan-nefqa netta [2] f'dawn il-pjanijiet irid ikun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament, inkluż ir-rekwiżiti li d-dejn tal-gvern estiż jitqiegħed jew jinżamm fuq perkors plawżibbli 'l isfel sat-tmiem tal-perjodu ta' aġġustament, jew li jibqa' f'livelli prudenti taħt is-60 % tal-prodott domestiku gross (PDG), u li d-defiċit tal-gvern estiż jinġieb u/jew jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, fuq it-terminu medju. Meta Stat Membru jimpenja ruħu għal sett rilevanti ta' riformi u investimenti f'konformità mal-kriterji stipulati fir-Regolament, il-perjodu ta' aġġustament jista' jiġi estiż b'mhux aktar minn tliet snin.

[1] ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj.

[2] Nefqa netta kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (2) tar-Regolament (UE) 2024/1263: "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern, netta minn (i) in-nefqa fuq l-imgħax; (ii) il-miżuri tad-dħul diskrezzjonali; (iii) in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni; (iv) in-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni; (v) l-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad; u (vi) miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li stabbilixxa l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (l-"RRF"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. L-RRF tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jagħtu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, l-RRF trawwem irkupru ekonomiku u soċjali filwaqt li tmexxi riformi u investimenti sostenibbli, b'mod partikolari billi tippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u billi tagħmel l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

(3) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) (ir-"Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jelimina gradwalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili Russi. Dan jgħin biex tinkiseb is-sigurtà tal-enerġija u jiddiversifika l-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija. L-Awstrija żiedet kapitolu REPowerEU ġdid mal-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex tiffinanzja riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU.

(4) Fit-30 ta' April 2021, l-Awstrija ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stipulati fl-Anness V. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Awstrija ([5]), li ġiet emendata fid-9 ta' Novembru 2023 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 fuq il-bażi li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jintlaħaq minħabba ċirkustanzi oġġettivi, kif ukoll biex jiġi inkluż il-kapitolu REPowerEU ([6]). Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5), li tiddikjara li l-Awstrija tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. L-ilħuq sodisfaċenti jirrikjedi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti għall-istess riforma jew investiment ma tkunx treġġgħet lura.

(5) Fit-8 ta' Lulju 2025, il-Kunsill, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tal-Awstrija ([7]). Fit-13 ta' Mejju 2025, l-Awstrija ppreżentat il-pjan-fiskali tagħha fuq terminu medju. Il-pjan ġie ppreżentat f'konformità mal-Artikoli 11 u 36(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1263, li jkopri l-perjodu mill-2025 sal-2029 u jippreżenta aġġustament fiskali mifrux fuq seba' snin.

(6) Fis-26 ta' Novembru 2024, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport ta' Mekkaniżmu tat-Twissija tal-2025, li fih ma identifikatx lill-Awstrija bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom hemm il-ħtieġa ta' analiżi fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ([8]) fit-13 ta' Mejju 2025 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fl-10 ta' Marzu 2025.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/435/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Awstrija (ST 10159/2021).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2023 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Awstrija (ST 14472/2023).

([7]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tal-Awstrija (ĠU C, C/2025/3958, 20.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3958/oj).

([8]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2025 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C, C/2025/2782, 22.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2782/oj).

(7) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Hija tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli: (i) l-innovazzjoni; (ii) id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività; u (iii) is-sigurtà. Biex tnaqqas id-diskrepanza fl-innovazzjoni, l-UE għandha l-għan li trawwem l-innovazzjoni industrijali, tappoġġa t-tkabbir tal-istart-ups permezz ta' inizjattivi bħall-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up, u tippromwovi l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati bħall-intelliġenza artifiċjali u l-computing kwantistiku. Biex tintlaħaq il-mira ta' ekonomija aktar ekoloġika, il-Kummissjoni ħejjiet Pjan ta' Azzjoni komprensiv dwar l-Enerġija Affordabbli u Patt għal Industrija Nadifa, li jiżguraw li l-bidla lejn enerġija nadifa tibqa' kosteffettiva, favur il-kompetittività, b'mod partikolari għas-setturi intensivi fl-enerġija, u tkun fattur ewlieni tat-tkabbir. Biex tnaqqas dipendenzi eċċessivi u żżid is-sigurtà, l-Unjoni hija impenjata li ssaħħaħ is-shubijiet kummerċjali globali, tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista u tassigura l-aċċess għall-materja prima kritika u sorsi ta' enerġija nadifa. Dawn il-prijoritajiet huma sostnuti minn faċilitaturi orizzontali, jiġifieri s-simplifikazzjoni regolatorja, l-approfondiment tas-suq uniku, il-finanzjament tal-kompetittività u Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, il-promozzjoni tal-ħiliet u tax-xogħlijiet ta' kwalità, u koordinazzjoni aħjar tal-politiki tal-UE. Il-Boxxla għall-Kompetittività hija allinjata mas-Semestru Ewropew, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-objettivi strateġiċi tal-Kummissjoni, u li fil-governanza ekonomika jinħoloq approċċ unifikat li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

(8) Fl-2025, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jiżviluppa biswit l-implimentazzjoni tal-RRF. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika fil-qafas tas-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jgħinu jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jibqgħu ugwalment rilevanti għall-valutazzjoni ta' pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza emendati f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.

(9) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 ikopru l-isfidi ewlenin tal-politika ekonomika li mhumiex indirizzati biżżejjed mill-miżuri inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li jqisu l-isfidi rilevanti identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019-2024.

(10) Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2025 għall-Awstrija. F'dan ġie vvalutat il-progress tal-Awstrija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Awstrija. Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċa l-Awstrija. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-progress li għamlet l-Awstrija fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

Valutazzjoni tar-Rapport ta' Progress Annwali

(11) Fit-13 ta' Mejju 2025, l-Awstrija ppreżentat pjan fuq terminu medju fejn impenjat ruħha għar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta li ġejjin: 2,6 % fl-2025, 2,2 % fl-2026, 2,2 % fl-2027, 2,0 % fl-2028 u 2,3 % fl-2029, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattivi massimi kkalkulati b'referenza għall-2024 ta' 2,6 % fl-2025, 4,8 % fl-2026, 7,2 % fl-2027, 9,4 % fl-2028 u 11,9 % fl-2029. Fit-13 ta' Mejju 2025, l-Awstrija ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali ([9]) tagħha dwar id-data u l-projezzjonijiet tal-eżitu fiskali rilevanti u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Awstrija dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu/tagħha f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241.

(12) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni rrakkomandat li tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod ikkoordinat biex tappoġġa l-isforzi tal-UE biex tikseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025.

([9]) Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2025 huma disponibbli hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

(13) Abbażi tad-data vvalidata mill-Eurostat ([10]), id-defiċit tal-gvern estiż tal-Awstrija żdied minn 2,6 % tal-PDG fl-2023 għal 4,7 % fl-2024, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż kiber minn 78,5 % tal-PDG fi tmiem l-2023 għal 81,8 % fi tmiem l-2024. Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal rata ta' tkabbir tan-nefqa netta ta' 8,7 % fl-2024. Abbażi tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali ([11]), li tinkludi n-nefqa ffinanzjata kemm nazzjonalment kif ukoll mill-UE, kienet espansjonarja, b'2,3 % tal-PDG fl-2024. Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni adottat rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE ([12]). Dak ir-rapport evalwa l-qagħda bażitarja tal-Awstrija, billi fl-2024 id-defiċit tal-gvern estiż tagħha qabeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG. Ir-rapport ikkonkluda li fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, u wara li tikkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju kif stabbilit skont l-Artikolu 126(4) TFUE, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tipproponi li tiftaħ proċedura ta' defiċit eċċessiv għall-Awstrija billi tipproponi lill-Kunsill jadotta Deċiżjoni skont l-Artikolu 126(6) li tistabbilixxi l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv.

(14) Skont ir-Rapport ta' Progress Annwali, ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet bażitarji mill-Awstrija jistenna tkabbir tal-PDG reali ta' -0,3 % fl-2025, filwaqt li l-inflazzjoni tal-HICP hija pprojettata għal 2,8 % fl-2025. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni jipproġetta li l-PDG reali jonqos b'0,3 % fl-2025 u li jikber bi 1,0 % fl-2026, u l-inflazzjoni tal-HICP ser tkun ta' 2,9 % fl-2025 u 2,1 % fl-2026.

(15) Fir-Rapport ta' Progress Annwali, id-defiċit tal-gvern estiż mistenni li jonqos għal 4,5 % tal-PDG fl-2025, filwaqt li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG għandu jiżdied għal 84,7 % sa tmiem l-2025. Dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal tkabbir nett fin-nefqa ta' 1,6 % fl-2025. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern estiż ta' 4,4 % tal-PDG fl-2025. It-tnaqqis tad-defiċit fl-2025 jirrifletti prinċipalment l-implimentazzjoni ta' pakkett ta' konsolidazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin żieda fl-infiq fuq is-salarji pubbliċi, il-pensjonijiet u n-nefqa soċjali minħabba l-indiċjar tal-inflazzjoni u kostijiet oħra relatati mat-tixjiħ ikomplu jkunu ta' piż sinifikanti fuq il-finanzi pubbliċi. Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal tkabbir fin-nefqa netta ta' 2,0 % fl-2025. Abbażi tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali, li tinkludi kemm infiq fil-livell nazzjonali kif ukoll infiq iffinanzjat mill-UE, hija pprojettata li tkun restrittiva, b'1,3 % tal-PDG, fl-2025. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwa mistenni li jiżdied għal 84,0 % sa tmiem l-2025.

(16) In-nefqa tal-gvern estiż li tammonta għal 0,1 % tal-PDG hija mistennija li tiġi ffinanzjata minn appoġġ mhux ripagabbli ("għotjiet") mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2025, meta mqabbla ma' 0,1 % tal-PDG fl-2024, skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni. In-nefqa ffinanzjata mill-appoġġ mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tippermetti investiment ta' kwalità għolja u riformi li jtejbu l-produttività mingħajr impatt dirett fuq il-bilanċ tal-gvern estiż u d-dejn tal-Awstrija.

(17) In-nefqa għad-difiża tal-gvern estiż fl-Awstrija baqgħet stabbli fil-livell ta' 0,6 % tal-PDG bejn l-2021 u l-2023 ([13]). Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, in-nefqa fid-difiża hija pprojettata li tammonta għal 0,7 % tal-PDG fl-2024 u għal 0,8 % tal-PDG fl-2025. Dan jikkorrispondi għal żieda ta' 0,2 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbel mal-2021.

(18) Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fl-Awstrija hija pprojettata li tikber bi 2,0 % fl-2025. Abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa netta tal-Awstrija fl-2025 huwa pprojettat li jkun taħt ir-rata massima ta' tkabbir impenjata mill-Awstrija fil-pjan tagħha.

(19) Ir-Rapport ta' Progress Annwali ma jinkludix il-projezzjonijiet bażitarji wara l-2025. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern estiż ta' 4,2 % tal-PDG fl-2026. Dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal tkabbir fin-nefqa netta ta' 2,3 % fl-2026. Abbażi

([10]) Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22.4.2025.

([11]) Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni bażitarja sottostanti tal-gvern estiż. Hija għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-bażit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq terminu medju u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta minn miżuri tad-dħul diskrezzjonali u bl-inklużjoni tan-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni.

([12]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni, imħejji f'konformità mal-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, 04.06.2025, COM(2025) 615 final.

([13]) Eurostat, nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG). Minħabba differenzi metodoloġiċi bejn id-definizzjonijiet tal-COFOG u tan-NATO, in-nefqa bbażata fuq id-definizzjoni tal-COFOG tista' tvarja min-nefqa bbażata fuq id-definizzjoni tan-NATO.

tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali, li tinkludi kemm infiq fil-livell nazzjonali kif ukoll infiq iffinanzjat mill-UE, hija pprojettata li tkun restrittiva, b'0,3 % tal-PDG, fl-2026. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwa pprojettat mill-Kummissjoni li jiżdied għal 85,8 % sa tmiem l-2026.

(20) Il-pjan ta' terminu medju tal-Awstrija jispeċifika s-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament. Dawn jinkludu 14-il miżura, li waħda minnhom teżisti diġà u hija intensifikata mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, jiġifieri l-aċċess aħjar għall-edukazzjoni ("Chancenbonus") kif ukoll riformi u investimenti addizzjonali bħaż-żieda fl-età effettiva tal-irtirar, ir-riforma tal-liv għat-titjib tal-ħiliet u ż-żieda tal-kontribuzzjoni tal-kura tas-saħħa għall-pensjonanti.

Sfidi ta' politika ewlenin

(21) L-Awstrija qed tiffaċċa pressjonijiet fiskali dejjem akbar relatati mat-tixjiħ mis-sistemi tal-kura tas-saħħa, tal-kura fit-tul u tal-pensjonijiet tagħha. L-etajiet statutorji u effettivi tal-irtirar relattivament baxxi tal-pajjiż iwasslu għal kostijiet għolja tal-pensjonijiet, ipprojettati li jilħqu l-ogħla livell ta' 15 % tal-PDG sal-2030 qabel ma jonqsu bi ftit. Minkejja r-riformi tal-passat, l-età tal-irtirar effettiva tal-Awstrija għadha taħt il-medja tal-UE. Il-miżuri tal-pensjoni implimentati reċentement kienu modesti, speċjalment meta mqabbla ma' żidiet fl-istennija tal-għomor, għalkemm pjanijiet ġodda biex jiġi limitat l-irtirar bikri flimkien maż-żieda fl-età statutorja tal-irtirar għan-nisa x'aktarx iżidu l-età effettiva tal-irtirar. It-tixjiħ demografiku jpoġġi wkoll pressjoni fuq il-kura tas-saħħa u l-finanzi tal-kura fit-tul. Sal-2070, l-infiq fuq il-kura tas-saħħa huwa mistenni li jiżdied minn 7,8 % fl-2024 għal 8,9 % tal-PDG, id-doppju taż-żieda medja tal-UE, filwaqt li l-kostijiet tal-kura fit-tul jistgħu jikbru minn 1,6 % għal 3,1 % tal-PDG matul l-istess perjodu. Ir-riforma tal-kura tas-saħħa tal-2023 kellha l-għan li tagħti spinta lill-kura primarja u tnaqqas id-dipendenza fuq l-isptar, iżda l-kura primarja għadha sottożviluppata, għad hemm servizzi li jikkoinċidu, u l-miri ta' nfiq mhux qegħdin jiġu rispettati. Hemm nuqqas ta' miżuri regolatorji effettivi u ta' allinjament tar-responsabbiltajiet tal-finanzjament u l-infiq, li jikkontribwixxu għal sitwazzjoni fejn ir-reġjuni u l-assigurazzjoni soċjali spiss jaqbżu l-limiti massimi tal-infiq annwali miftiehma. Fil-kura fit-tul, ir-riformi reċenti tejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-appoġġ għall-persuni li jindukraw il-familja, iżda ma indirizzawx is-sostenibbiltà fiskali. Il-kura istituzzjonali tiddomina l-infiq pubbliku, għalkemm il-kura fid-dar hija aktar kosteffettiva f'ħafna każijiet. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri għall-promozzjoni tal-kura tas-saħħa primarja u għall-implimentazzjoni tal-governanza bbażata fuq il-miri fil-kura fit-tul.

(22) Il-qafas fiskali tal-Awstrija huwa mmarkat minn sistema kumplessa ta' trasferimenti intergovernattivi bejn l-awtoritajiet federali u dawk reġjonali, u jillimitaw l-effiċjenza tal-infiq pubbliku. B'livell baxx ta' awtonomija fiskali, l-istati federali jiddependu ħafna fuq dħul kondiviż aktar milli fuq is-sorsi tagħhom stess – sehem żgħir biss mid-dħul pubbliku totali fl-2024 ġie minn sorsi sottonazzjonali. Fl-istess ħin, l-iffinanzjar ta' servizzi essenzjali bħall-kura tas-saħħa, il-kura tat-tfal u t-trasport pubbliku jiddependi sa ċertu punt fuq l-infiq ipprovdut mill-istati federali u l-muniċipalitajiet. It-tibdil demografiku u t-tranżizzjoni ekoloġika qed ikomplu jaggravaw il-pressjoni tal-kostijiet fuq l-istati federali u l-muniċipalitajiet, filwaqt li d-dħul proprju mhuwiex marbut mad-dinamika tan-nefqa.

(23) It-taħlita ta' taxxi għadha tiddependi ħafna fuq l-introjtu mix-xogħol u l-konsum. Fl-2023, l-Awstrija kellha r-raba' l-ogħla proporzjon tat-taxxa mal-PDG fl-UE b'porzjon ta' taxxa medju sinifikanti fuq ix-xogħol (il-ħames l-ogħla fl-UE fl-2024) ([14]). Mill-2023, il-livelli tat-taxxa fuq l-introjtu personali ġew indiċizzati għall-inflazzjoni, u dan ipprevjena żieda ulterjuri tal-porzjon tat-taxxa permezz taċ-ċaqliq. Madankollu, diversi sfidi strutturali li ilhom preżenti fit-taħlita ta' taxxi għadhom ma ġewx indirizzati. L-użu aħjar ta' taxxi li jiffavorixxu aktar it-tkabbir u l-impjiegi jista' jgħin biex jinħoloq l-ispazju baġitarju meħtieġ u tittejjeb l-istruttura kumplessiva tat-taxxa.

(24) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u mal-Anness V, il-kriterju 2.2 ta' dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin u li għandhom jiġu implimentati sal-2026. Dawn mistennija jgħinu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti. F'dan il-perjodu ta' żmien strett, il-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-kapitolu REPowerEU, hija essenzjali biex tingħata spinta lill-kompetittività fit-tul tal-Awstrija permezz tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni NextGenerationEU - Il-mixja lejn l-2026, adottata fl-4 ta' Ġunju 2025, tikkjarifika l-iskeda taż-żmien applikabbli għat tmiem il-Faċilità u tagħti gwida lill-Istati Membri biex jimmassimizzaw l-implimentazzjoni sal-31 ta' Awwissu 2026, inkluż dwar kif jissimplifikaw aktar il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, tiddeskrivi l-għażliet ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati meta jirrieżaminawhom, u tisħaq fuq l-importanza ta' ppjanar konġunt bil-galbu qabel ma jressqu l-aħħar talbiet għall-pagament fl-2026. L-involviment sistematiku tal-awtoritajiet lokali u reġjonali,

([14]) OECD (2025), Taxing Wages 2025.

is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

(25) L-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), fl-Awstrija aċċellerat. Huwa importanti li jkomplu għaddejjin l-isforzi biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida ta' dawn il-programmi, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tagħhom fil-prattika. L-Awstrija diġà qed tieħu azzjoni fil-qafas tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir filwaqt li ttejjeb il-koeżjoni soċjali. Fl-istess ħin, l-Awstrija għadha qiegħda tiffaċċa sfidi, inkluż dawk relatati mal-kompetittività, l-akkomodazzjoni affordabbli, il-ħiliet u l-inklużjoni attiva. F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Awstrija hija obbligata – bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni – li tirrieżamina kull programm filwaqt li tqis, fost affarijiet oħra, l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2024. Il-proposti tal-Kummissjoni adottati fl-1 ta' April 2025 ([15]) jestendu l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' valutazzjoni – għal kull programm – tal-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu lil hinn mill-31 ta' Marzu 2025. Dawn jipprovdu wkoll flessibbiltajiet biex jgħinu l-implimentazzjoni tal-programmi ssir aktar malajr u inċentivi biex l-Istati Membri jallokaw ir-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni għal ħames oqsma ta' prijorità strateġika tal-Unjoni, jiġifieri l-kompetittività f'teknoloġiji strateġiċi, id-difiża, l-akkomodazzjoni, ir-reżiljenza tal-ilma u t-tranżizzjoni tal-enerġija, u għal investimenti fil-ħiliet f'setturi ta' prijorità filwaqt li l-attenzjoni tinżamm fuq il-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli fil-programmi tal-FSE+.

(26) Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) tipprovdi l-opportunità ta' investiment fi prijorità strateġika ewlenija tal-UE billi ssaħħaħ il-kompetittività tal-UE. STEP titwassal permezz ta' 11-il fond tal-UE eżistenti. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-programm InvestEU biex jiġu appoġġati investimenti f'oqsma ta' prijorità. L-Awstrija tista' tuża dawn l-inizjattivi bl-aħjar mod biex tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi, inkluż it-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi.

(27) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u fondi oħra tal-UE, jenħtieġ li l-Awstrija tindirizza effettivament l-isfidi addizzjonali li fadal relatati mas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tagħha, is-suq tax-xogħol, id-dinamiżmu tan-negozju u l-kompetittività, u d-dipendenza persistenti tagħha fuq il-fjuwils fossili u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija.

(28) Filwaqt li huma disponibbli varjetà ta' strumenti ta' finanzjament, il-finanzjament tar-riskju għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu jibqa' fattur restrittiv. Is-suq lokali tal-kapital ta' riskju u tkabbir qed juri xejra pożittiva, b'kapital ta' riskju li jiżdied għal 0,08 % tal-PDG matul l-2021-2023 iżda għadu mhux żviluppat biżżejjed. Il-finanzjament limitat tal-kapital ta' riskju huwa parzjalment xprunat mil-livell baxx ta' parteċipazzjoni tal-investituri istituzzjonali, inklużi l-fondi tal-pensjonijiet. B'1 % biss tal-fondi ta' ekwità privata u ta' kapital ta' riskju miġbura kull sena matul l-2007-2023, dan huwa sostanzjalment taħt l-Istati Membri ewlenin.

(29) In-nefqa komparattivament għolja fir-R&Ż tal-Awstrija (3,26 % tal-PDG fl-2023) u l-kollaborazzjoni qawwija bejn ix-xjenza u n-negozju mhumiex tradotti biżżejjed f'soluzzjonijiet kummerċjabbli u dinamiżmu tan-negozju. Il-perċentwal ta' persuni li jaħdmu f'servizzi b'intensità għolja ta' għarfien kien ta' 39,8 %, ftit inqas mill-medja tal-UE ta' 40,8 % fl-2022. Il-pajjiż għadu lura wkoll meta mqabbel mal-aktar Stati Membri innovattivi tal-UE fil-ġenerazzjoni ta' valur miżjud domestiku mill-esportazzjoni ta' oġġetti u servizzi ta' teknoloġija avvanzata. L-appoġġ pubbliku għall-innovazzjoni, prinċipalment permezz ta' inċentivi fiskali għar-riċerka u l-iżvilupp, għandu t-tendenza li jiffoka fuq l-innovazzjoni inkrementali f'setturi stabbiliti. Għalkemm l-attività tal-privattivi għadha ogħla mill-medja tal-UE, it-tnaqqis fir-ritmu tal-attività tal-privattivi matul l-aħħar għaxar snin, b'disparitajiet kbar persistenti fl-infiq fir-riċerka u l-iżvilupp bejn l-istati federali, jillimita l-kapaċità tal-Awstrija li tikkapitalizza bis-sħiħ il-potenzjal tagħha li tikseb benefiċċji ekonomiċi ogħla mill-innovazzjoni. Reviżjoni aktar sistematika tal-iskemi ta' appoġġ eżistenti tista' żżid l-effikaċja tas-sistema tal-innovazzjoni.

(30) Il-promozzjoni tal-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fin-negozju tkompli ssaħħaħ il-kompetittività. Minkejja l-avvanzi fl-adozzjoni tal-cloud, b'35,6 % tan-negozji li jużaw it-teknoloġiji tal-cloud, l-Awstrija għadha lura meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 38,9 %, li jindika li hemm lok għal tkabbir f'dan il-qasam. L-adozzjoni tal-analitika tad-data għadha wkoll ta' sfida, peress li 23,9 % biss tan-negozji Awstrijaċi implimentaw teknoloġiji bħal dawn, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 33,2 %. Miżuri mmirati – inkluż inċentivi finanzjarji, appoġġ għall-infrastruttura tal-cloud u tad-data, u investiment fil-ħiliet diġitali – jistgħu jaċċelleraw b'mod sinifikanti l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, b'mod partikolari fost l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

([15]) Il-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu – COM (2025) 123 final.

(31) Il-konsumaturi Awstrijaċi huma affettwati b'mod negattiv minn nuqqas ta' kompetizzjoni f'ċerti setturi, li jikkontribwixxi għal prezzijiet oġħla. L-ostakli għad-dħul fis-suq għal kompetituri ġodda, ir-restrizzjonijiet territorjali tal-provvista u r-restrizzjoni regolatorja eċċessiva għal ċerti professjonijiet u forniturи tas-servizzi jillimitaw il-kompetizzjoni u jgħollu l-prezzijiet għall-konsumaturi.

(32) Kif stabbilit fil-Kumpass tal-Kompetittività, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, nazzjonali u lokali jridu jagħmlu sforz kbir biex jipproduċu regoli aktar sempliċi u biex jaċċelleraw il-ħeffa tal-proċeduri amministrattivi. Il-Kummissjoni stabbiliet għanijiet ambizzjużi għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv: b'mill-inqas 25 % u b'mill-inqas 35 % għall-SMEs; u ħolqot għodod ġodda biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, inkluż test sistematiku tal-istress tal-istokk tal-leġiżlazzjoni tal-UE u djalogu msaħħaħ tal-partijiet ikkonċernati. Biex tilħaq din l-ambizzjoni, l-Awstrija jeħtieġ ukoll li tieħu azzjoni. 51 % tan-negozji jqisu l-kumplessità tal-proċeduri amministrattivi bħala problema għall-kumpanija tagħhom meta jagħmlu negozju fl-Awstrija ([16]). L-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi u t-tnaqqis tal-kumplessità amministrattiva – speċjalment għall-SMEs – huma lieva oħra biex tiżdied il-kompetittività. Il-proċeduri għall-għoti ta' permessi spiss idewmu bla bżonn il-proġetti industrijali, li normalment jdumu bejn 22 u 23 xahar mid-data tal-applikazzjoni. Fattur ewlieni li jikkontribwixxi għal dan huwa l-użu limitat tal-għodod diġitali, bil-komunikazzjoni għadha tiddependi ħafna fuq is-sottomissjonijiet fiżiċi tad-dokumenti. L-aċċellerazzjoni tal-permessi tista' tinkiseb billi jiġu introdotti għażliet bħal bidu bikri ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni preparatorji, proċeduri simplifikati għal oġġezzjonijiet pubbliċi, u d-differiment ta' dokumentazzjoni mhux essenzjali għal stadji aktar tard tal-proċedura. B'mod ġenerali, l-Awstrija għandha piż amministrattiv u regolatorju qawwi bir-regolamentazzjoni tan-negozju spiss titqies bħala ostaklu akbar għall-investiment mill-medja tal-UE.

(33) L-Awstrija għamlet progress sinifikanti fil-perkors tagħha ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u saħħet is-sigurtà tal-enerġija tagħha billi gradwalment eliminat għalkollox l-importazzjoni tal-gass mir-Russja sal-bidu tal-2025. Madankollu, fil-każ ta' 61 % tal-ħtiġijiet tal-enerġija tagħha, l-Awstrija għadha tiddependi fuq l-importazzjoni, b'mod partikolari taż-żejt u l-gass. Il-prezzijiet tal-enerġija żdiedu b'mod sinifikanti, bil-prezz tal-elettriku għall-konsumaturi l-kbar ikun is-seba' l-oġħla fl-UE fl-2023. Dan jaffettwa l-kompetittività tal-prezzijiet, b'mod partikolari għall-industriji intensivi fl-enerġija. L-espansjoni ewlenija fl-enerġija rinnovabbli matul dawn l-aħħar ftit snin u l-miri ambizzjużi għall-enerġija rinnovabbli sal-2030 jirrikjedu li l-grilja tiġi estiża u aġġornata b'mod urġenti kif ukoll flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija. Dan jeħtieġ kemm aktar investimenti kif ukoll veloċità sabiex il-ġenerazzjoni addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli tkun tista' tiġi integrata fis-sistema. Il-kost tal-espansjoni tan-network jiġġarrab mill-utenti tan-network. It-tariffi tan-netwerk żdiedu b'medja ta' 19 % f'Jannar 2025 biex fost affarijiet oħra jiġu ffinanzjati l-investimenti li għaddejjin. Il-ħidma fuq l-Att il-ġdid dwar is-Suq tal-Elettriku (ELWG) biex tippermetti riforma tat-tariffi tan-network, biex is-sistema tal-enerġija ssir aktar flessibbli, jew biex ikun hemm inċentivi biex jintużaw ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija (PPAs) għadha ma mxietx 'l quddiem biżżejjed. Bħalissa, il-PPAs rinnovabbli huma limitati fl-Awstrija, b'kuntratt ta' 0,1 GW biss.

(34) L-enerġija rinnovabbli, li tirrappreżenta 40,8 % tal-konsum totali tal-enerġija tal-Awstrija, tirrappreżenta sehem kbir u li qed jiżdied. Madankollu staġna l-progress fl-aċċellerazzjoni ulterjuri tal-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura li teħtieġ. L-espansjoni tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti tal-Awstrija b'mod partikolari għadha miżmuma lura minn proċeduri amministrattivi kumplessi u twal.

(35) L-Awstrija hija pprojettata li tkun fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, iżda l-pass tad-dekarbonizzazzjoni fl-2024 naqas meta mqabbel mas-sena preċedenti. L-emissjonijiet huma mistennija li jkunu naqsu b' 3,7 % biss meta mqabbla ma' 6,5 % fl-2023. Is-settur industrijali Awstrijak huwa kkaratterizzat minn intensità enerġetika għolja u dam biex jiddekarbonizza. Minħabba li ħafna kumpaniji kienu qed jitħabtu biex jassorbu żidiet sinifikanti fil-prezzijiet tal-enerġija, it-titjib fl-effiċjenza enerġetika huwa importanti kemm għat-tnaqqis tal-emissjonijiet kif ukoll għat-tishih tal-kompetittività. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tas-setturi għamlu progress f'dan ir-rigward, id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport għadha lura. Fl-2023, il-konsum finali tal-enerġija tas-settur tat-trasport fil-fatt żdied b' 1 % meta mqabbel mas-sena preċedenti. Biex dan jiġi indirizzat, il-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-2024 jippreżenta miżuri addizzjonali li ser jippermettu lill-Awstrija tilħaq il-miri tagħha għall-kondiviżjoni tal-isforzi, iżda s-suċċess tagħhom ser jiddependi fuq l-implimentazzjoni deċiżiva u shiha ta' dawn il-miżuri.

(36) It-tassazzjoni fuq ix-xogħol u l-kontribuzzjonijiet soċjali fl-Awstrija huma fost l-oġħla fl-UE, u dan ifixkel il-ħolqien tal-impjiegi u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Matul l-aħħar għaxar snin, l-għadd medju reali ta' sigħat maħduma fil-ġimgħa għal kull persuna naqas minn 35,8 għal 33,6 siegħa. Kontra x-xejra fi Stati Membri oħra, is-sehem diġà għoli ta' xogħol part-time żdied b'2 punti perċentwali mill-2019. Hekk kif kien fil-livell ta' 30,6 % fl-2024, ix-xogħol part-time għadu kważi d-doppju tal-medja tal-UE (17,1 %). Il-porzjon għoli ta' taxxa fuq ix-xogħol jiskoraġġixxi sigħat tax-xogħol itwal, u dan iwassal għal nuqqas ta' ħaddiema u jillimita l-potenzjal ekonomiku.

([16]) "Businesses' attitudes towards corruption in the EU" Flash Report, Eurobarometer Report (April 2024).

(37) Is-sehem tan-nisa li jaħdmu part-time huwa fost l-ogħla fl-UE. Dan jirrifletti wkoll il-livell għoli ta' parteċipazzjoni tagħhom f'xogħol ta' kura mhux imħallas u d-disponibbiltà insuffiċjenti ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja u l-aċċess għalihom. Minkejja l-isforzi biex tiġi estiża d-disponibbiltà tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-perċentwal ta' tfal taħt it-tliet snin li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u l-kura formali bikrija tat-tfal għadu ferm taħt il-medja tal-UE. Dan huwa akkumpanjat minn disparitajiet reġjonali fid-disponibbiltà ta' postijiet għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, kif ukoll man-nuqqas ta' persunal.

(38) Għalkemm ir-rata tal-impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età (bejn 55 sa 64 sena) żdiedet kontinwament matul l-aħħar deċennju u laħqet 58,8 % fl-2024, din għadha ferm taħt il-medja tal-UE ta' 65,2 %. Il-ħaddiema akbar fl-età għandhom diffikultajiet biex jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, li jvarjaw minn ħiliet diġitali limitati għal ċerti prekunċetti fil-konfront ta' ħaddiema akbar fl-età. In-nies bi kwalifiki baxxi li waslu biss sal-livell obbligatorju tal-edukazzjoni skolastika huma partikolarment vulnerabbli u jirrappreżentaw l-ogħla sehem ta' persuni diżokkupati fl-Awstrija. Bl-istess mod, persuni bi sfond ta' migrazzjoni u persuni bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġat għandhom livelli aktar baxxi ta' kisba fis-suq tax-xogħol u jiffaċċjaw ostakli partikolari biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Dan huwa aggravat minn sfidi rigward ħiliet lingwistiċi inadegwati u rikonoxximent limitat tal-kwalifiki.

(39) Skont il-Programm tal-2022 tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA), il-prestazzjoni insuffiċjenti tal-istudenti fil-kisba tal-ħiliet bażiċi żdiedet, speċjalment għal dawk bi sfond ta' migrazzjoni u/jew soċjoekonomiku żvantaġġat jew dawk li twieldu barra mill-pajjiż. Is-sehem dejjem akbar ta' studenti bi sfond soċjoekonomiku ta' migrazzjoni u/jew żvantaġġat li jidħlu fl-edukazzjoni mingħajr ħiliet lingwistiċi suffiċjenti joħloq sfidi għall-għalliema. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' għalliema jippreżenta ostaklu addizzjonali għat-titjib tal-eżiti edukattivi. Barra minn hekk, l-istudenti tal-iskola jibqgħu jġorru magħhom f'età adulta l-livell ta' ħiliet li jiksbu, li dejjem sejjer lura, b'mod partikolari fost dawk bi sfond ta' migrazzjoni u/jew wieħed soċjoekonomiku żvantaġġat. Filwaqt li l-Awstrija qed tkompli timplimenta firxa wiesgħa ta' riformi biex ittejjeb il-prestazzjoni tas-sistema edukattiva tagħha, it-tisħiħ tal-iżvilupp tal-ħiliet bażiċi u ħiliet STEM f'kull stadju mill-edukazzjoni tat-tfal sat-tagħlim għall-adulti huwa kruċjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet.

(40) In-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa jibqa' ostaklu għall-potenzjal tat-tkabbir tal-Awstrija. 72 % tal-kumpaniji jidentifikaw dan bħala ostaklu kbir għall-investiment ([17]). B'mod partikolari, minkejja l-miżuri reċenti, in-nuqqas ta' ħiliet ekoloġiċi jxekkel kemm il-kompetittività tas-setturi ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll jirriskja li joħloq dewmien għall-Awstrija biex tilħaq il-miri klimatiċi tagħha. Barra minn hekk, bħalissa ma hemm l-ebda strateġija ddedikata biex jiġi indirizzat it-telf ta' impjiegi antiċipat f'industriji intensivi fil-karbonju hekk kif l-Awstrija timxi lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti. It-tisħiħ tal-programmi eżistenti ta' titjib tal-ħiliet jista' jisfrutta l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata u jagħti spinta lill-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-Awstrija. L-għoti ta' appoġġ immirat lil individwi f'okkupazzjonijiet u reġjuni f'riskju li jiġu affettwati b'mod negattiv minn sforzi ta' dekarbonizzazzjoni fuq skala kbira huwa partikolarment kruċjali biex jiġi żgurat appoġġ pubbliku wiesa' għat-tranżizzjoni ekoloġika.

(41) Fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, fl-2025, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2025 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Fil-każ tal-Awstrija, ir-rakkomandazzjonijiet (2), (3) u (5) jgħinu fl-implimentazzjoni tal-ewwel rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro dwar il-kompetittività, filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet (1), (4) u (5) jgħinu fl-implimentazzjoni tat-tieni rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro dwar ir-reżiljenza, u r-rakkomandazzjoni (1) tgħin fl-implimentazzjoni tat-tielet rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro dwar l-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-2025.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Awstrija tieħu azzjoni fl-2025 u fl-2026 biex:

1. Jissaħħaħ l-infiq ġenerali fid-difiża u fis-sigurtà u l-prontezza tad-difiża filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. Taderixxi mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rrakkomandati mill-Kunsill fit-8 ta' Lulju 2025. Timplimenta l-ġabra ta' riformi u investimenti li jirfdu l-perjodu ta' aġġustament estiż kif irrakkomandat mill-Kunsill fit-8 ta' Lulju 2025. Tieħu azzjoni deċiżiva biex tiġi ssalvagwardjata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, inkluż billi tittejjeb is-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, tal-kura fit-tul u tal-pensjonijiet, billi, fost affarijiet oħra, tiġi ssimplifikata l-infrastruttura tal-isptarijiet, tittejjeb il-kosteffettività tal-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, jissaħħaħ il-kontroll tan-nefqa u tiżdied b'mod sinifikanti l-età effettiva tal-irtirar. Tissimplifika u tirrazzjonalizza r-relazzjonijiet fiskali u r-responsabbiltajiet fis-saffi kollha tal-gvern u tara li tallinja r-responsabbiltajiet tal-finanzjament u tal-infiq. Tkompli ttejjeb it-taħlita tat-taxxa biex tnaqqas il-porzjon tat-taxxa qawwi fuq ix-xogħol u tappoġġa t-tkabbir inkluživ u sostenibbli fil-kuntest ta' ambjent fiskali ta' sfida.

([17]) EIB Investment Survey 2024 Country Overview:Austria p. 17.

2. Fid-dawl tal-iskadenzi applikabbli għat-tlestija f'waqtha tar-riformi u l-investimenti skont ir-Regolament (UE) 2021/241, tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-kapitolu REPowerEU. Taċċellera l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni (ERDF, JTF, ESF+), filwaqt li tibni, fejn xieraq, fuq l-opportunitajiet offruti mir-rieżami ta' nofs it-terminu. Isir użu ottimali mill-istrumenti tal-UE, inkluż l-opportunitajiet ipprovduti mill-programm InvestEU u l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa, biex titjieb il-kompetittività.

3. Tippromwovi d-dinamiżmu tan-negozju, u l-ħolqien u t-tkabbir ta' kumpaniji ġodda, inkluż billi tipprovdi aċċess aħjar għall-kapital ta' riskju u tkabbir u tneħħi l-ostakli li jfixklu l-investiment minn investituri istituzzjonali fi strumenti ta' ekwità. Ittejjeb il-konverżjoni tal-livelli għoljin ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp f'soluzzjonijiet kummerċjabbli u żżid l-użu ta' teknoloġiji diġitali (avvanzati) mill-kumpaniji. Tissimplifika r-regolamentazzjoni, tnaqqas il-piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-SMEs, taċċellera l-proċeduri għall-għoti ta' permessi u ssaħħaħ il-kompetizzjoni għal prezzijiet aktar baxxi.

4. Tindirizza l-kostijiet għoljin tal-enerġija inkluż permezz ta' riforma tal-Att dwar l-Elettriku, billi ttejjeb il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija u tinċentiva l-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u taċċellera l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura meħtieġa, b'mod partikolari billi tissimplifika l-proċeduri għall-għoti ta' permessi u tistabbilixxi żoni ddedikati ta' aċċellerazzjoni. Tkompli tnaqqas l-emissjonijiet, b'mod partikolari fis-settur tat-trasport, billi tavvanza d-dekarbonizzazzjoni industrijali. Ittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

5. Toħloq inċentivi biex tingħata spinta lill-għadd ta' sigħat maħduma b'mod ġenerali u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol full-time, inkluż billi jittejbu l-kundizzjonijiet ta' qafas u speċjalment il-kwalità u d-disponibbiltà tas-servizzi tal-kura tat-tfal. Ittejjeb l-eżiti tas-suq tax-xogħol għal ħaddiema akbar fl-età u għall-gruppi żvantaġġati, bħal persuni b'livell baxx ta' ħiliet u persuni bi sfond ta' migrazzjoni, u tgħolli l-livelli ta' ħiliet bażiċi, billi tibda minn età bikrija, b'mod partikolari mil-livell tal-iskola. Iżżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

S. LOSE